**AKTAR KAZI TA’ INFLUWENZA A H1N1 (V) IKKONFERMATI**

Waqt konferenza tal-aħbarijiet illum wara nofsinhar, is-Segretarju Parlamentari għall-Anjani u Kura fil-Komunita, Mario Galea qal li ġew ikkonfermati 7 każijiet oħra ta’ din l-Influwenza f’pajjiżna.

Dan ifisser li issa hawn total ta’ 11-il-każ ikkonfermat.

Is-7 każi ġodda huma:

> Tifla Skoċċiża ta’ 8 snin. Meta kienet l-Iskozja iltaqgħet ma tfal oħra li kellhom l-influwenza u ħarget issa. Naturalment ma kienetx taf li kellhom l-influwenza.
>
> Baby Ingliż ta’ 4 xhur u nofs. Dan jinsab l-Isptar Ġenerali t’Għawdex, fejn qiegħed jirkupra tajjeb ħafna u dalwaqt se jkun discharged.
>
> Maltija ta’ 25 sena. Ġiet mill-Ingilterra nhar it-Tlieta li għadda.
>
> 3 ġuvintur Maltin. Huma kienu Spanja għal btala flimkien u ġew lura Malta nhar it-Tlieta. Dawn ghandom 23, 22, 16-il sena
>
> Ġuvni ta’ 22 sena li ġie minn Spanja il-bieraħ.

Nies li jiżviluppaw sintomi ta’ deni, sogħla, imnieħer inixxi jew uġigħ fil-griżmejn fi żmien sebat ijiem li ġejjin minn pajjiżi affettwati bl-H1N1 huma mitluba jkellmu lit-tabib tagħhom jew inkella jċemplu liċ-Ċentri tas-Saħħa u ma jmorrux l-Emerġenza.

Għal aktar informazzjoni l-pubbliku ġentilment mitlub iċempel fuq 21324086.

L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa emfasizzat li m’hemm l-ebda lok ta’ restrizzjoni fuq is-safar.

Il-Leaflet dwar l-Influenza A H1N1, li kien tqassam fid-djar kollha ta’ Malta u Ghawdex, jista jinsab ukoll *online* minn fuq is-sit www.doi.gov.mt

**DOI - 03.07.09**